# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Kumpless Umberto Calosso

Triq il-Kbira San Ġużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664

E-Mail: santavenera.lc@gov.mt

Web page: http://www.stvenera.gov.mt


5/16T

**Minuti tat-tkomplija tat-tkomplija tal-ħames laqgħa tas-sittax–il sena tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta 23 ta' Ġunju 2009, fl-4pm.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sinjura Elizabeth Vella | - | Sindku |
| | Is-Sur Horace J Anastasi | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Cleaven Christian Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Cassar | - | Segretraju Eżekuttiv |
| Skużati: | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Kunsillier |

1.0 <u>Item 5: Mistoqsijiet</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ħa parir mingħand id-Direttur tad-Dipartiment fejn qallu li s-Sur Anastasi għandu jirtira l-mozzjoni minħabba l-fatt li mhux skond l-Ordnijiet Permanenti iżda għandu dritt li jagħmel mistoqsija supplementari ta' kajrifika biex jara għaliex l-artiklu tiegħu mhux inkluż fil-pubblikazzjoni u jista wkoll jitlob għal vot. Id-deċiżjoni torbot lill-bord editorjali għax il-Kunsill hu organu aqwa mill-bord editorjali.

1.1 Il-mistoqsijiet kollha pendenti ittieħdu bħala moqrija u ġew imwieġba kollha mis-Sindku (dokument anness).

1.1.1 Ghar-rigward ta' mistoqsija numru 018, is-Sindku qalet li hi kienet lesta taċċetta li l-artiklu tas-Sur Anastasi li jkun ippublikat f'din il-ħarġa u jekk ikun hemm bżonn jiżdiedu l-paġni neċessarji. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku qalet li għal darb'oħra, l-artikli miktuba mill-Kunsilliera m'ghandhomx ikun itwal minn 500 kelma jew pagna A4 ittajpjata.

1.1.2 Għar-rigward ta' mistoqsija numru 019, is-Sur Anastasi iddikjara li ilment wieħed hu ħafna u ilmenti spissi huma gravissimi. Qal ukoll li mid-dehera tagħhom quddiem il-Kunsill sal-llum saru diversi ilmenti mir-residenti u anke minn Kunsillieri. Għaldaqstant hu baqa jsostni dak li qal. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jistaqsi lid-Dipartiment jekk wasalx iż-żmien li jinbidlu l-kundizzjonijiet ġenerali.

2.0 <u>Item 6: Rapporti</u>

2.1 Dwar ir-rapport tal-Contracts Manager, il-Kunsill innota li sa jumejn ilu, basket abjad mimli terrapien kien għadu fis-soft area ta' Triq it-Turretta minn l-aħħar laqgħa.

Il-Kunsill qabel li l-ħin tal-ġbir tal-iskart domestiku nhar ta' Sibt jinbidel għas-1pm minflok fis-2pm minħabba l-egħluq tal-miżbla.

2.2 Is-Sur Camilleri poġġa fuq il-mejda tal-kamra kopja tal-minuti approvati tal-laqgħa tas-Sotto Kumitat tiegħu li saret fl-10 ta' Diċembru 2008.

3.0 Item 9: Mozzjonijiet

3.1 MC Bay fi Triq il-Fanali – sekondata mis-Sur Anastasi.

Is-Sur Camilleri għamel indroduzzjoni qasira. Is-Sur Anastasi qal li l-parkeġġ qiegħed hemm biss bħala gwida u mhux infurzabbli. Is-Sur Bugeja qal li l-MC inkwistjoni tintuża. Is-Sur Formosa fakkar lill-Kunsill li fl-istess laqgħa, il-Kunsill kien iddeċieda li jneħħi l-MC bays kollha għax mhux imniżżla fl-MVR. Is-Sur Camilleri qal li hu qed jitlob biss li jinstab post alternattiv.

Il-Kunsill innota li peress li kienet diġa' ittieħdet deċiżjoni fuq l-MC bays aktar kmieni, il-mozzjoni ma tistax tiġi aċċettata. Għaldaqsatnt, is-Sur Camilleri irtira l-mozzjoni tiegħu.

3.2 Il-Vandaliżmu fi Ġnien Dar l-Iljuni u l-Vandali – sekondata mis-Sur Camilleri

Fuq insistenza tas-Sur Formosa, is-Sur Anastasi emenda t-titolu tal-mozzjoni kif ġej: Il-Vandaliżmu fi Ġnien Dar l-Iljuni (magħruf bħala Ġnien Romeo Romano) u l-Vandali. Emenda aċċettata unanimament.

Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill unanimament approva l-mozzjoni u qabel li jqajjem dan il-każ fl-ewwel laqgħa li l-Kunsill jew rappreżentanti tiegħu jkollhom mall-Pulizija.

3.3 Ġnien Dar l-Iljun – sekondata mis-Sur Camilleri

Fuq insistenza tas-Sur Formosa, is-Sur Anastasi emenda t-titolu tal-mozzjoni kif ġej: Ġnien Dar l-Iljuni (magħruf bħala Ġnien Romeo Romano). Emenda aċċettata unanimament.

Wara introduzzjoni qasira mis-Sur Anastasi, is-Sur Bugeja qal li l-ġnien ilu magħruf b'dan l-isem għal snin twal u fakkar li f'Santa Venera hawn ukoll triq imsemmija għalih. Is-Sur Formosa qal li il-ġnien hu proprjeta tal-Gvern allura l-Kunsill ma jistax jibdillu l-isem. Is-Sur Camilleri qal li Romeo Romano ma kienx minn Santa Venera u ma jirriżultalux li ta xi kontibut lil Santa Venera. Is-Sindku qalet li l-Kunsill m'għandu l-ebda awtorita jbiddel l-isem tal-ġnien ġaladarba mhux tiegħu. Dan apparti li ma saretx konsultazzjoni pubblika.

Bi tlett voti favur (is-Sindku u s-Sinjuri Anastasi u Camilleri) u żewġ voti kontra (is-Sinjuri Bugeja u Formosa), il-Kunsill qabel li jibda l-proċeduri formali għal bdil tal-isem tal-ġnien mal-awtoritajiet konċernati. Il-mozzjoni għaddiet.

4.0 Item 11: Aġġornament

4.1 F'dan l-istadju (6:35pm) is-Sur Camilleri talab li jkun skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar l-inċident ta' Triq il-Kanun fejn il-Kunsill kien talab għar-rapport tal-Pulizija u dan baqa ma ipproduċiehx u allura t-talba ġiet rifjutata. Hu qal li issa, 6 xhur wara, wasal ir-rapport tal-Pulizija. Il-Kunsill reġa irrifjuta t-talba għax ma jistax jaċċetta rapport 6 xhur tard.

4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li min kellu l-inċident bil-vettura tiegħu fi Triq il-Kbira San Ġużepp u għamel ħsara fl-istage ta' fejn San Ġużepp lest li jħallas. Il-Kunsill qabel li jitlob il- kont lill-ATP u jgħaddieh lil min kien responsabbli.

4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li tkellem mas-Sur Mario Agius ta' Philip Agius & Sons Ltd dwar il-kont pendenti u dan qallu li hu veru li ma kienx irrimedja l-ħsara imma l-ħsara ma kienetx is-simenta kollha. Għaldaqstant, fuq suġġeriment tal-istess Mario Agius, il-Kunsill qabel li jħallas €500 miflok €787.30 u l-kont jingħalaq.

4.5 Is-Sindku tkellmet dwar il-crane ta' Triq it-Turretta u qalet li l-Kunsill qed jagħmel diskriminazzjoni. Ipproduċiet ukoll ritratt fejn juri crane in-naħa l-oħra ta' Triq it-Turretta. Is-

Sur Anastasi qal li l-crane l-ieħor ma kien ta' ostaklu għal ħadd. Għaldaqstant, il-Kunsill qabel li jitlob lis-Sur Adrian Grech garanzija bankarja ta' €500 flimkien ma dikjarazzjoni li lest jagħmel tajjeb għall-ħsara li saret fuq wiċċ it-triq. Imbagħad jingħata permess b'ħin ridott. Is-Sur Anastasi astjena.

4.6 Is-Sindku talbet varjazzjoni ta' €5,000 biex titkompla biċċa bankina oħra fi Trejqa Fleur de Lys faċċata tal-iskola. Qalet li l-ispiża tista ma timmaterjalizzax għax-xogħol miexi kif pjanat u allura l-contingency tista tintuża għalhekk. Qalet ukoll li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma se tidħol għall-ispiża tal-materjal hi. Is-Segretarju Eżekuttiv talabha bil-miktub u s-Sindku qaltlu li se titlobilhom bil-miktub. Il-Kunsill qabel invista li l-varjazzjoni hi waħda minima.

4.7 Il-Kunsill qabel li jekk ikun possibbli jibda jiltaqa kull l-aħħar Tlieta tax-xahar.

4.7 Il-laqgħa intemmet fis-6:55pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 7 ta' Lulju 2009 b'aġenda tkun komunikata aktar tard.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Cassar | Ikkonfermati | Elizabeth Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | 7 ta' Lulju 2009 | Chairperson |